TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Tal-Konsumatur**

Charmaine Borg Caruana

vs

A.F.S. Ltd

CCT 48/24/MS

8 ta' Mejju 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-26 ta' Frar fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna s-socjeta' intimata thallasha s-somma ta' mitejn hamsa u disghin euro (€295.00), prezz ta' pompa tal-ilma mixtrija minghand is-socjeta' intimata, liema pompa kienet difettuza.

Ra li s-socjeta' intimata debitament notifikata, m'ghamlitx risposta u hadd ma deher quddiem dan it-Tribunal meta hekk mitlub.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xiehda tar-rikorrenti bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fis-sena 2023 ir-rikorrenti xtrat pompa tal-ilma minghand is-socjeta' intimata. Spjegat illi qabel kellha pompa ohra li kienet ilha ghandha ghal sittax - il sena u li kienet inxtrat minghand l-istess socjeta' u qatt ma tatha problemi u ghalhekk iddecidiet illi tixtri wahda gdida mill-istess kumpanija. Ghalhekk gabet plumber biex jaqla' l-pompa l-antika u jbiddilha mal-pompa gdida. Il-pompa hadmet ghal erba' xhur, imbaghad ghal habta ta' Ottubru bdiet taqta' u cemplet l-isocjeta' intimata u talbithom jibghatulha xi hadd biex jiccekjwawha, pero' qalulha illi huma ma joffrux dan is-servizz u ghalhekk talbithom jirrakomandaw plumber tal-fiducja taghhom.

Il-plumber gie u biddel il-capacitor u kellha thallas hamsa u ghoxrin euro ghas-servizz, pero' l-problema ppersistiet u kellha terga' ggib il-plumber ghat-tieni darba a spejjes taghha li biddel is-switch. Il-problema ma solvietx ruhha u peress illi l-pompa kienet taht garanzija

il-plumber qalaghha u marret biha ghand is-socjeta' intimata li min-naha taghhom qalulha illi kienu ttestjawha u kienet qed tahdem, pero' r-rikorrenti qalet illi li l-problema tiskontra ruhha b'mod irregolari, daqqa tahdem u daqqa ma tahdimx - u ghalhekk test ta' ftit minuti ma kienx bizzejjed. In vista tal-fatt illi l-pompa baqghet bil-problemi u kienet taht garanzija, ir-rikorrenti fethet dawn il-proceduri u talbet li tiehu il-flus li hallset lura.

Illi s-socjeta' intimata m'ghamlitx risposta u hadd ma deher biex jixhed minkejja li kienet debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni ohra li b'xi mod tikkontrasta dik tar-rikorrenti li hija verosimili. It-Tribunal jinnota wkoll illi minhabba n-nuqqas ta' after sales service, ir-rikorrenti dahlet fi spejjes zejda u dan mhuwiex gust, iktar u iktar meta l-pompa ghadha gdida u taht garanzija. La s-socjeta' intimata ma ndenjatx ruhha tigi fuq il-post u lanqas dehret quddiem dan it-Tribunal, m'ghandux triq ohra hlief li jilqa' t-talba tar-rikorrenti, li fic-cirkostanzi hija gustifikata.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-isocjeta' intimata thallasha l-ammont ta' mitejn hamsa u disghin euro (€295.00). Bi dritt tas-socjeta' intimata illi tiehu lura l-pompa in kwistjoni wara li jsir il-hlas. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

**Dr Michela Spiteri LL.D**

**Arbitru**